ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija u tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-LIVELLI**

**5 – 6 – 7 – 8**

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

**IT-TMIEN SENA** **L-ISTORJA** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Agħmel ċirku madwar ĦAMSA (5) minn dawn l-affarijiet li kienu jeżistu fi Żmien il-Medjuevu.**



**(Total: 5 marki)**

**2. Ħares lejn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors A**: Runi



**Sors B**: Ġebla dekorata

2.1 Għal xiex il-Vikingi kienu jużaw ir-Runi li jidhru f'Sors A?

______________________________________________________________ (1)

2.2 Semmi **tliet** allat li kienu jaduraw il-Vikingi.

____________________ ____________________ ____________________ (3)

2.3 Għaliex il-popli l-oħra li kienu jghixu fil-qrib kienu jibżgħu mill-Vikingi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2.4 Sors B huwa sors primarju jew sors sekondarju? Għid għaliex.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2.5 Semmi **żewġ** postijiet li kienu jiġu attakkati spiss mill-Vikingi.

__________________________________ __________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

**3. Ħares lejn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors C**



**Sors D**

3.1 Sorsi C u D juru ritratti ta' bniedem liebes ta' suldat Normann. Ikteb **erba'** armi li kellhom dawn is-suldati biex jiddefendu lilhom innifishom u jattakkaw lill-oħrajn.

________________ ________________ ________________ ________________ (4)

3.2 Għaliex Rollo ngħata artijiet fin-Normandija u ngħata t-titlu ta' Duka?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3.3 Fl-1066 saret battalja kbira u importanti fl-Ingilterra. Kif inhi magħrufa dik il-battalja?

______________________________________________________________________ (1)

3.4 Min kien iġġieled f'dik il-battalja?

______________________________________________________________ (2)

3.5 X'ordna li jsir ir-Re Guljermu l-Konkwistatur ħalli tibqa' titfakkar il-battalja tal-1066?

______________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**4. Ħares lejn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors E**



**Sors F**

4.1 Il-bini li jidher f'Sors E huwa ta' stil (Romanesk, Barokk, Gotiku). (1)

4.2 Ikteb **żewġ** differenzi bejn il-bini f'Sors E u l-bini f'Sors F.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

4.3 Il-kappella f'Sors F hija dik ta' Ħal Millieri. Semmi **żewġ** kappelli oħra Medjevali fil-Gżejjer Maltin.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

**(Total: 5 marki)**

**5. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Matul ir-Rinaxximent sar żvilupp kbir f'ħafna oqsma artistiċi u xjentifiċi li, matul il-Medjuevu kienu baqgħu lura ħafna. Fil-qasam tal-arti tfaċċaw artisti kbar li studjaw sewwa l-iskultura u x-xogħol artistiku li kienu għamlu l-Griegi u r-Rumani. L-istudju tal-awturi bil-Latin u l-Grieg reġa' ffjorixxa. Kien hemm filosofi u teologi kbar bħal San Tumas t'Akwinu u poeti bħal Dante Alighieri li beda jikteb bit-Taljan flok bil-Latin. L-opri tar-Rinaxximent għadhom jimmeraviljaw lil kull min jarahom sal-lum."

5.1 Mis-silta sib iż-**żewġ** ċiviltajiet antiki li influwenzaw lill-istudjużi u l-artisti tar-Rinaxximent.

______________________________ ______________________________ (2)

5.2 Għaliex żmien ir-Rinaxximent huwa meqjus bħala "twelid mill-ġdid"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5.3 Liema minn dawn ix-xogħlijiet letterarji ġie miktub mill-poeta Dante Alighieri?

(*Il Principe*, *La Divina Commedia*, *Romeo e Giuletta*, *Il Miglione*) (1)

5.4 Fil-Vatikan insibu bosta opri artistiċi tar-Rinaxximent. Semmi **żewġ** pitturi jew skulturi kbar tar-Rinaxximent.

__________________________________ __________________________________ (2)

5.5 Semmi xogħol artistiku (pittura jew skultura) famuża mir-Rinaxximent.

______________________________________________________________________ (1)

5.6 X'kien il-kontribut tal-Knisja Kattolika fir-Rinaxximent?

______________________________________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

**6. Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**



**Sors G**: Kavallieri sejrin għall-Kruċjati

6.1 X'kienu l-Kruċjati?

______________________________________________________________________ (2)

6.2 Liema belt fl-Art Imqaddsa kienet meqjusa bħala l-iżjed importanti mill-Insara?

______________________________________________________________________ (1)

6.3 Għaliex din il-belt kienet meqjusa bħala importanti?

______________________________________________________________________ (2)

6.4 Min kien Saladin u għal xiex baqa' magħruf?

______________________________________________________________ (2)

6.5 Semmi **żewġ** Ordnijiet Militari Reliġjużi (ta' kavallieri) li ġġieldu fil-Kruċjati.

______________________________ ______________________________ (2)

6.6 X'tifhem bil-kelma 'pellegrini'?

______________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**7. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors H:** Lista tad-Dejma



**Sors I**

7.1 X'kienet id-Dejma?

______________________________________________________________ (1)

7.2 Għaliex ġiet organizzata d-Dejma?

________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

7.3 Min kien obbligat li jissieħeb fid-Dejma?

________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

7.4 X'jissejjaħ il-monument li hemm f'Sors I?

______________________________________________________________ (1)

7.5 X'kien aktarx li jsir ħdejn monumenti bħal dawk ta' Sors I?

______________________________________________ (2)

7.6 Aqta' sinjal taħt **żewġ** affarijiet li nistgħu nitgħallmu mil-Lista tad-Dejma li qiegħda tidher f'Sors H.

(a) Il-kwalità ta' temp li kien ikun hemm fil-Medjuevu
(b) Il-ħinijiet tal-quddies fil-kappelli
(c) L-ismijiet ta' ħafna rġiel fl-irħula ta' dak iż-żmien
(d) L-ammont ta' taxxa li tinġabar mill-irħula
(e) L-ismijiet tal-irħula medjevali (2)

**(Total: 10 marki)**

**8. Aqra sewwa s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

"Il-ħajja fil-Gżejjer Maltin fil-Medjuevu kienet waħda sempliċi ħafna u li ddur madwar il-biedja. Kienet ħajja iebsa għaliex il-mediċina ma kinitx żviluppata ħafna. Il-Maltin kienu jgħixu ħajja inċerta u mhux l-ewwel darba li kienu jinżlu l-furbani li kienu jagħmlu ħsara kbira. Ir-reliġjon Nisranija kienet importanti għall-Maltin u tinfluwenzahom ħafna. It-tmexxija tal-gżejjer kienet f'idejn l-Universita`."

8.1 Fil-Gżejjer Maltin kienu jitkabbru ħafna siġar taż-żebbuġ. Semmi **tliet** affarijiet għaliex il-Maltin kienu jużaw iż-żebbuġ jew iż-żejt tiegħu fil-Medjuevu.

______________________________________________

______________________________________________ (3)

8.2 Semmi **żewġ** problemi li kienu jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa Maltin fil-Medjuevu.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8.3 Fil-Medjuevu fil-Gżejjer Maltin kien hawn ħafna rħula żgħar. Aqta' sinjal taħt **tlieta** minnhom.

(Ħal Far, Ħal Farrett, Ħal Farruġ, Ħal Ruġġier, Ħal Ġeru, Ħal Muxi, Ħal Kielu) (3)

8.4 X'kien jissejjaħ il-bniedem li jieħu ħsieb it-tmexxija ta' Malta u jorganizza d-Dejma fil-Medjuevu?

(il-Prim Imħallef, ir-Rettur, il-President, il-Ħakem, il-Qadi) (1)

8.5 Fejn kienu jiltaqgħu l-membri tal-Università?

______________________________________________ (1)

8.6 Kif kienu jintgħażlu l-membri tal-Kunsill Popolari?

______________________________________________ (1)

8.7 Il-Gżejjer Maltin kienu taħt l-Aragoniżi. F’liema pajjiż modern tinsab Aragona llum?

____________________________________________________ (1)

8.8 Fil-Medjuevu kienet titħaddem is-sistema fewdali. Iddeskrivi, fi ftit sentenzi, kif kienet taħdem is-sistema fewdali.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________ (3)

8.9 Min kien Gonsalvo Monroy u x’rabta kellu ma’ Malta?

____________________________________________________ (3)

8.10 Għaliex il-poplu kien jaqbillu li jkun immexxi direttament mir-re milli jkun taħt xi sid fewdali?

____________________________________________________

____________________________________________________ (2)

**(Total: 20 marka)**

**9. Ikteb fit-tul fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**

9.1 Ikteb dwar kif in-Normanni rebħu l-Italja t’Isfel u Sqallija u kif ħabtu għall-Gżejjer Maltin. X’nafu dwar żmien in-Normanni f’Malta?

9.2 Ikteb fuq l-Ordni tal-Kavallieri ta’ San Ġwann filwaqt li ssemmi għaliex twaqqfet l-Ordni, kif ġew Malta u l-preparamenti tal-Kavallieri għall-Assedju l-Kbir.

**(Total: 20 marka)**

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________